# Is-Soċjetà Mużikali Santa Marija
# 50 Sena Ilu

*kitba ta' Martin Formosa*

- L-ewwel seduta tal-kumitat saret nhar it-23 ta' Jannar 1953. F'din is-seduta ġie diskuss ir-rapport finanzjarju tas-sena 1952. Fost affarijiet oħrajn f'dan ir-rapport insibu li l-Banda Santa Marija wettqet sitt programmi u li għalihom kienet tħallset Lm121. Bħala *fund raising*, kienu saru 3 fieri u 6 lotteriji. Bħala ħruġ insibu li kien hemm xiri ta' baxx u b'Lm21 mużika ġdida. Il-president kien stqarr li l-ġbir li kien għamel għall-pedestall tal-papa kien laħaq is-somma ta' Lm51.
- Fis-6 ta' Frar 1953 saret seduta bħala preparazzjoni għas-seduta ġenerali u fost affarijiet oħra ġew diskussi l-porblemi li nħolqu wara indifferenza minn xi bandisti għall-kunċerti. Ġiet ukoll diskussa ittra li Dun Mattew Magro kien bagħat lis-Soċjetà sabiex tkun tista' tingħata għajnuna finanzjarja għall-**pavimentar tal-knisja parrokkjali**. Fuq proposta tal-kaxxier, ġie deċiż li jingħataw **nofs il-qligħ tal-bottegin tas-sena 1953**.
- Fis-7 ta' Frar 1953 saret is-seduta ġenerali. Il-president kien ħeġġeġ lil dawk is-soċi li jitħeġġu biss fil-jiem tal-festa sabiex jibdew anke huma jaħdmu u jsistu matul is-sena kollha sabiex titkabbar l-għajnuna. Ġew diskussi problemi fil-Banda minħabba nuqqas ta' attendenza. Inħatar il-kumitat għas-sena 1953/1954. Dawn kienu, President – Francis Bugeja; Segretarju – Francis Spiteri; Kaxxier – Ġanni Falzon; Membri – Toni Axiaq, Emanuel Magro, John Bugeja, Emanuel Sciberras, Joseph Bezzina, M.A. Ellul, Edward Borg, Joseph Cutajar, Joseph Bugeja u John Borg.
- F'seduta li saret fit-18 ta' Frar 1953 inħatru l-viċijiet u bħala viċi president inħatar Emanuel Sciberras, assistent kaxxier inħatar Edward Borg. Michael Axiaq inħatar viċi segretarju. Inqrat risposta minn Dun Mattew Magro fejn sar ringrazzjament bil-quddiem għall-għotja li kienet se tingħata għall-pavimentar tal-knisja.
- Fil-25 ta' Frar 1953 ġew maħtura ż-żewġ rappreżentanti tal-banda. Dawn kienu Carmel Magro u Joseph Bezzina. John Magro ġie maħtur sabiex jieħu ħsieb ir-rassenja tal-banda.
- Fis-26 ta' Frar ġie deċiż li jinxtraw żewġ *loudspeakers* għal ma' l-*amplifier* sabiex jintużaw fil-fieri. Ġiet diskussa l-imġiba ta' żewġ bandisti u wara nuqqas ta' qbil fuq x'passi kellhom jittieħdu l-kaxxier kien irreżenja. Il-kumitat kien iddeċieda li jieħu sehem permezz ta' xi bandisti f'banda ta' 250 bandist organizzata mill-*Malta Band Clubs Association* u li kienet se titmexxa minn surmast Taljan jismu Maccasini. Il-post tal-programm kellu jkun l-*Empire Stadium*. Ġiet diskussa l-festa ta' l-anniversarju tal-każin fejn ġie deċiż li l-qassis li jmexxi l-festa kellu jkun jew Dun Mattew Magro jew Dun Raymond Ellul.
- Fit-18 ta' Marzu kien inħatar Edward Borg bħala kaxxier proviżorju minflok Ġanni Falzon.
- Fid-9 ta' April kienet ġiet diskussa r-riżenja tas-segretarju u minfloku kien inħatar Michael Axiaq għall-kumplament tas-sena. Il-president kien għadda Lm52 bħala ġbir għall-pedestall tal-Papa.
- Fil-15 ta' April kienu ġew mistienda l-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar u l-Banda Beland taż-Żejtun sabiex jieħdu sehem f'lejlet il-festa ta' l-Assunta. Il-Banda San Nikola tas-Siġġiewi ġiet mistiedna sabiex tagħmel marċ f'jum il-festa.
- Fis-6 ta' Mejju kienet saret seduta fejn ġew diskussi l-preparazzjonijiet għall-festa u ġie deċiż li tiġi mistiedna wkoll l-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq. Ġanni Falzon li kien aċċetta li jibqa' membru fil-kumitat kien għamel appell sabiex jiġi mgħejjun fix-xogħol tan-nar.
- Fit-13 ta' Ġunju l-president kien għarraf lill-kumitat li l-baned mistiedna għall-festa kienu, San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar u l-Banda Beland taż-Żejtun għal lejlet il-festa u l-Banda Imperial tal-Mellieħa, il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq u l-Banda San Nikola tas-Siġġiewi għal jum il-festa.
- Fis-27 ta' Ġunju waqt laqgħa tal-kumitat ġie mistieden Dun Mattew Magro fejn ġie spjegat lilu li l-għotja mill-qliegħ tal-bottegin versu l-pavimentar tal-knisja kienet se tingħatalu fl-aħħar tas-sena 1953.
- Fil-5 ta' Ottubru 1953 il-kumitat ġie infurmat li l-President France Bugeja kien irriżenja.
- Fil-31 ta' Ottubru saret seduta għall-bandisti fejn is-surmast kien indirizza l-miġemgħa u ħeġġeġ ħafna għall-għaqda. L-Assistent Surmast Nazzareno Mifsud stqarr li hu kien inġibed lejn is-Soċjetà għax kien jammira l-organizzazzjoni li kienet teżisti. Wara ħafna appelli, Philip Zerafa li kien ilu xi ftit ma jattendi għall-kunċerti qal li kien lest li jerġa' jibda jdoqq filwaqt li Feliċ Grech offra ruħu sabiex joqgħod rappreżentant tal-banda. John Magro ġie ppropunat sabiex jgħinu.
- Fis-7 ta' Novembru 1953 kien ġie diskuss ir-rendikont tal-festa li kienet spiċċat Lm123 4s 4d minn taħt.
- Fit-8 ta' Novembru 1953 kienet saret seduta fejn ġiet diskussa r-remissa li fiha kien jinżamm l-armar tal-festa.
- Fil-**11 ta' Novembru 1953 il-Kumitat kien kiteb ittra lill-Kurja sabiex jakkwista b'ċens perpetwu parti mill-għalqa fi Triq l-Kurat Mizzi sabiex jinbena mill-aktar fis post addattat u suffiċjenti fejn il-quddiem ikun jista' jintrafa' l-armar kollu tal-festa esterna ta' Santa Marija**.
- L-aħħar seduta ta' l-1953 saret fid-29 ta' Diċembru fejn kien diskuss il-bottegin u jekk dan għandux inkompli jiġi amministrat mill-membri tal-kumitat u ġew mistħarrġa diversi nies li setgħu jieħdu dan l-inkarigu.